MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1043/2011

Albert u Rita konjugi Schembri
vs
Joseph u Giorgina konjugi Saliba

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

Illi permezz ta' skrittura privata tas-7 ta' Gunju 2005 (Dok. A) il-konvenuti kkostitwew irwiehom bhala veri, certi u likwidi debituri tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlettax-il elf, disa' mija u sebgha u erbghin lira Maltin (Lm13,947) ossia tnejn u tletin elf, erba' mija u sitta u tmenin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€32,486.74), liema somma kellha tigi restitwita f'pagamenti ta' hamsin lira Maltin (Lm50) ossia mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) fil-gimgha, u f'kaz li n-negozju tal-forn li dakinhar kien f'idejn il-kompraturi jitwella, dan id-debitu jkun dovut kollu immedjatament.

Illi s-somma mislufa fuq imsemmija kienet tirrapprezenta diversi somom zghar mislufa mir-rikorrenti lill-konvenuti, u li ngabru flimkien fl-imsemmija somma. Dawn is-somom kienu jigu versati fl-interess tal-konvenuti u dan ghall-uzu kummercjali ta' l-istess konvenuti.

Illi jirrizulta illi l-konvenuti m'ghadhomx jiggestixxu l-forn imsemmi fl-istess skrittura privata.

Illi l-ahhar pagament akkont in konnessjoni ma' l-istess skrittura sar fix-xahar ta' Ottubru tas-sena 2010.

Illi l-konvenuti fadlilhom ihallsu bilanc mis-somma fuq imsemmija, u dan fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u sitta u tmenin Euro (€25,686), liema somma giet issa esigibbli fl-intier taghha.

Illi ghalkemm debitament interpellati jhallsu permezz ta' ittra ufficcjali ta' l-1 ta' Marzu 2011 (Dok. B), l-istess konvenuti baqghu inadempjenti.

Illi s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u sitta u tmenin Euro (€25,686) hija ghalhekk likwida, certa u dovuta.

Illi l-atturi jiddikjaraw illi l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni x'jaghtu ghat-talbiet attrici.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Tordna li l-kawza tigi trattata bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta' l-artikoli 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Prevja kull dikjarazzjoni opportuna tikkundanna lill-konvenuti sabiex solidalment bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf, sitt mija u sitta u tmenin Euro (€25,686) bl-imghaxijiet legali mill-1

ta’ Marzu 2011 (meta giet prezentata l-ittra ufficjali) sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 1 ta’ Marzu 2011, u l-mandat ta’ inibizzjoni fl-istess ismijiet, li gie prezentat kontestwalment, u bil-konvenuti li gew ingunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti pprezentati mir-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet l-abili difensuri;

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Claudio Zammit ghar-rikorrenti ipprezenta nota ta’ l-istess rikorrenti “li permezz taghha jirriducu s-sorte ghas-somma ta’ ghoxrin elf Euro (€20,000)”.

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Franco Galea ghall-intimati ipprezenta nota ta’ l-istess intimati “li permezz taghha qed jammettu t-talbiet kif ridotti fis-seduta tal-lum”.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk il-Qorti, filwaqt li qed tittratta l-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* ta’ l-artikoli 167 *et seq* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ta’ l-intimati, qed tikkundanna lill-istess intimati sabiex solidalment bejniethom ihallsu lir-rikorrenti s-somma (kif ridotta) ta’ €20,000 bl-imghaxijiet legali mill-1 ta’ Marzu 2011 sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 1 ta’ Marzu 2011, u l-mandat ta’ inibizzjoni fl-istess ismijiet kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------